**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 42**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta urġenti nhar il-Ħamis 5 ta'Mejju 2022 fl-4pm.

Din il-laqgħa kellha ssir online minħabba l-Covid 19, u peress li wħud mill- Membri tal-Kunsill huma anzjani u/jew oħrajn jgħixu ma' persuni vulnerabbli u qegħdin fi kwarantina volontarja u/jew mandatorja.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Maryanne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier – 17:33 |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier – 17.46 |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Dep. Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier E. Rossignaud kien skużat.

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat Clarissa Buhagiar

Sindku Dep.Segretarju Eżekuttiv

**42.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

42.1.1 Il-Minuti tas- Seduta Nru.41, dawn ġew approvati. Il-Kunsillier T. Valentio ipproponiet u l-Kunsillier R.Scicluna ssekondat.

**42.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

42.2.1 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet jekk intlaħaqx xi tip ta' ftehim mal-kuntrattur responsabli mill-manutenzjoni ta' tabelli. Id-Deputat Seg. Eżekuttiv wieġbet li huwa pjanat li jlesti x-xogħlijiet kollha pendenti sal-ġimgħa d-dieħla. Is- Sindku nforma wkoll li huwa personalment bgħat imejl lil dan il-kuntrattur.

42.2.2 Il-Kunsillier R. Scicluna infurmat li għalkemm ir-Reġjun tal-Lvant wieġbu għar-rikjesta tagħna dwar il-possibilta' li tiġi offruta għajnuna finanzjarja lil cat feeders, jidher li sa llum ma kien hemm l-ebda risposta minn naħa tad-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Animali. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tibgħat reminder lil dan id-Dipartiment.

42.2.3 Is- Sindku nforma li se jkun qiegħed jagħmel kuntatt ma' l-Onor. O. Bonnici sabiex issir laqgħa ta' korteżija. Il-Kunsillier A. Chetcuti nforma li huwa jixtieq jkun preżenti għal din il-laqgħa.

42.2.4 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk hemmx il-possibilita' li jiġi ntroddot is-servizz ta' transport b'xejn għall-anzjani. Hija għandha xi informazzjoni li xi Kumitati Reġjonali wkoll jipprovdu dan is-servizz bla ħlas. Id- Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed terġa' tagħmel kuntatt ma' l-entita Silver T kif ukoll mar-Reġjun dwar dan.

**42.3 Rapport mis- Sindku**

42.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

42.3.2 Is-Sindku nforma li kellu laqgħa nhar it-12t' April rigward sezzjonijiet ta' taekwondo li jistgħu jiġu offruti kemm lin-nisa kif ukoll irġiel bħala self-defence. Wara dizkuzzjoni ġie deċiż li ssir l laqgħa mas- Sa. A. Vassallo sabiex din il-possibilta' tiġi diskussa iktar fid-dettal.

42.3.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-13 t'April, is-Sindku kellu laqgħa ta' kull xahar mal-Community Police fejn fiha ġew indikati l-problemi li jistgħu jinqalgħu hekk kif qed joqrob is-sajf. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll l-Ispettur responsabli appart Surġent D. Vella.

Noel Muscat — Clarissa Buhagiar
Sindku — Dep. Segretarju Eżekuttiv

**42.3 Rapport mis-Sindku – tkompli**

42.3.4 Nhar l-20 t' April, is- Sindku attenda webinar organizzat mis-Sur Fabian Galea dwar l-ambjent u ta' kif wieħed jista' jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja. Huwa attenda wkoll għal laqgħa li saret mill-Kumitat Reġjonali nhar is-27 t' April.

42.3.5 Is-Sindku talab sabiex jerġa' jsir kuntatt mas- Sur Ramon Deguara rigward l-MOU li kien ġie ffirmat s-sena l-oħra miż-żewġ partijiet imma xogħol baqa' ma sarx. Id- Deputat Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tagħmel dan.

42.3.6 B' referenza gas-servizzi li kienu jingħataw mill-uffiċini tal-Kunsill tas-Sigurta Soċjali u l-Berġa, is-Sindku nforma li sa llum bqajna kif konna. Hu nforma li se jibqgħu jintbagħtu reminders lid-Dipartimenti kkonċernati u anke lil Ministri involuti forsi sa fl-aħħar tintlaqa' t-talba tal-Kunsill kif ukoll tar-residenti.

41.3.7 Is-Sindku nforma li fi Ġnien E.Barthet miexi sew u hekk kif se jkun qed jingħata l-konkos, se jsiru wkoll *rubber tiles* fil-*play area*. Ix- xogħol fil-*clubhouse* ta' Tennis mexa u wasal biex jiġi ffinalizat it-tqegħid tal-madum kollu kif ukoll jsir il-gypsum.

42.3.8 Il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjiegħ għalkemm huwa lest kollu, fadal li ssir trinka mal-ġenb sabiex l-ilma tax-xita jkun jista' jgħaddi minn hemm mingħajr ma jikkawża xi ħsarat lil dan il-ħajt. Il-Kunsill ġie infurmat wkoll li l-ispiża reletata ma' dan il-proġett ġiet inqas minn dik ikkwotat fil-BOQ u għalhekk sfortunatament jidher li se jkun hemm xi intoppi biex il-kuntrattur jkun jista' jiġi mħallas.

*Il-Kunsillier M.Bonello kien preżenti fil-17.46.*

42.3.9 Is-Sindku nforma li nhar is-16 ta' Mejju flimkien mal-Kunsillier T. Valentino għandu laqgħa ma' Richmond Foundation sabie flimkien jaraw kif jista' jinħoloq aktar għarfien dwar is-saħħa mentali.

42.3.10 Is- Sindku wera x-xewqa li jibdew il-preparementi għal Swieqi Fest pero' dan irid jkun fuq skala ferm iżgħar minħabba li l-fondi tal-Kunsill ma jippermettux li jsir kif kien issir qabel. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li jinħoloq sotto-kumitat li jista' jieħu ħsieb l-organizazjoni ta' din l-attivita'. Dan is-sotto kumitat hu magħmlu mill-Kunsillieri R. Scicluna, P. Fenech u T. Valentino.

Noel Muscat Clarissa Buhagiar
Sindku Dep. Segretarju Eżekuttiv

**42.3 Rapport mis-Sindku – tkompli**

42.3.11 Rigward ix-xogħlijiet ta' infrastrutura li qed issiru fil-lokalita' tagħna minn IM jidher li fi Triq tal-Franċiż ma tantx saru progressi minħabba li kemmxejn saru tibdiliet, fi Triq is-Sidra qed jsiru l-bankini taż-żewġ naħat u kemm jista' jkun qed jiġi evitat li din tingħalaq kompletament sabiex ma nkomplux niggravaw il-*flow* tat-traffiku. Is-Sindku nforma li l-belisiha lights ta' zebra crossing fi Triq is-Sidra se jkunu qed jieħdu ħsiebhom il-Public Works. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Perit R Abidla dwar dawn ix-xogħlijiet sabiex il-Kunsil jkun infurmat sew bl-aħħar żvilluppi.

42.3.12 Is-Sindku nforma l riċentament il-Kunsill ġie nfurmat li se jiġu nstallati xi *vending machines* biex wieħed jkun jista' jarmi l-flixken tal-plastik. Wara diksuzzjoni, ġie miftiehem li l-Kunsill għandu jkun infurmat minn qabel fejn se jitpoġġew dawn il-*vending machines*.

42.3.13 Is-Sindku nforma li hemm bżonn jiġu rifreskati l-linji tan-nofs ta' Triq ta' l-Ibraġ, Triq is-Swieq u Triq il-Qasam. Dawn it-toroq huma mejqusa bħala toroq prinċipali. Kien hemm qbil unanmi dwar dan.

42.3. 14 Huwa nforma li ġie avviċinat mis-Sa. R. Galea li tmexxi Little Hands Childcare sabiex tistaqsi jekk hux permess li tiġi nstallata librerija żgħira fil-Ġnien ta' Ċentru Ċiviku li tkun miftuħa għall-pubbliku kull ħin mingħajr ħlas. Din l-idea intlaqgħet tajjeb u l-Kunsill unanimament approva.

42.3.15 B'referenza għall-membership ta' l-ECAD, is-Sindku nforma li l-Kumitat Lvant ħallas din il-membership f'isem il-Kunsill u għalhekk wara li konna ilna snin barra minn din l-għaqda, għal din is-sena se nerġgħu nkunu involuti. Il-Kunsill irringrazzja lil Kumitat Reġjonali ta' dan.

42.3.16 Il-Kunsill ġie infurmat li Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sur Vince Tanti attendew għal laqgħa li saret fi Triq il-Perkursur sabiex jiġi stabilit jekk hemmx lok li jsiru xi tibdil fis-sinjali ta' traffiku. Is- Sur Debono informa li m'hemmx il-ħtieġa pero' ġew iddentifikati xi sinjali ta' STOP li huma nieqsa. Id- Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn se jkunu qed jiġu nstallati.

Noel Muscat Clarissa Buhagiar
Sindku Dep. Segretarju Eżekuttiv

**42.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

Mill-Kunsillier R. Scicluna

42.4.1 Il-Kunsillier staqsiet jekk nistghux inressqu l-iSTOP sign mizbugha fuq it-triq fejn toħroġ minn Triq is-Sirk għal St Andrew's Road, k/m minn fejn tkun nieżel minn Triq l-Għarbiel għal Swieqi Rd. Ir-raġuni hi, għaliex karozzi ġejjin minn Triq is-Sirk għal St Andrew's Rd li kważi dejjem isibu traffiku, jieqfu sewwa mal-iSTOP sign imma b'hekk jgħalqu t-triq għal min ikun nieżel minn Triq l-Għarbiel għal Swieqi Rd. Is-Sindku ssuġġerixxa Junction Box, u kien hemm qbil unanimu. Il-Junction Boxes diġa' eżistenti għandhom ukoll ikunu ikunu iktar viżibli, li ukoll kien hemm qbil unanimu.

42.4.2 Hija staqsiet fuq is-sitwazzjoni tat-toilets li hemm fil-Ġnien ta' Ċentru Ċiviku, li ta' spiss qed jkunu maħmuġin tant li ma jkunux jistgħu jiġu użati. Għaldaqstant talbet sabiex din il-probelma tiġi solvuta qabel ma jibda s-sajf peress li f'dan l-istaġun dawn se jibdew jintużaw iktar.

42.4.3 B'referenza għall-palma kbira f'dar abbandunata li qed tkompli tikber sew għal fuq il-bankina fi Triq il-Qantar, hija nfurmat li saret impossibli biex wieħed jaċċessa din il-bankina u għalhekk jeħtieġ li din tinżabar kemm jista' jkun malajr. Regghet fakkret ukoll li fl-istess triq, imma faċċata, mad-dawra tal-għalqa li hemm f'Qantar k/m Keffa, hemm l-istess sitwazzjoni fejn il-ħaxix ħażin tant kiber, li wieħed bil-fors irid jimxi f'nofs ta' triq. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Mill-Kunsillier P. Fenech

42.4.4 Il-Kunsillier wera d-diżapunt tiegħu għal mod ta' kif qed jiġu trattati r-residenti ta' Triq is-Sidra u r-residenti ta' toroq tal-madwar. Hu nforma li minħabba x-xogħlijiet li għaddejin fi Triq is-Sidra ta'kuljum qed jirċievi lmenti dwar trab/storbju eċċessiv kif ukoll minħabba d-dewmien. Is- Sindku nforma li għalkemm huwa vera li meta dawn ix-xogħlijiet jsiru dejjem jkun hemm xi tip ta' inkonvenjenza speċjalment għar-residenti tal-madwar, hemm lok sabiex dawn ix-xogħlijiet jiġu attwati b'aktar ħsieb minn naħa tal-kuntratturi.

42.4.5 Hu nforma li nhar id-19 ta'Mejju se ssir laqgħa b'kolloborazzjoni ma' SEM dwar il-fondi li hemm allokati għaż-żgħażagħ fis-sala tal-Kunsill. Huwa ħeġġeġ lil kull Kunsillier sabiex jattendi.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**42.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri – ikomplu**

Mill-Kunsillier T. Valentino

42.4.6 Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li l-ħarġa li jmiss hija dik għal Għawdex nhar is-17 ta'Mejju li għaliha s'issa hemm 52 persuna rreġistrati.

42.4.7 Hija infurmat li se terġa' tiġi organizzata laqgħa oħra ma' l-istudenti ta' l-EF nhar id-19 ta'Mejju; din id-darba fl-uffiċini tagħhom f'San Ġiljan. Għaldasqtant talbet sabiex jiġu nfurmati dawk il-persuni li kienu provdew l-imejk tagħhom.

42.4.8 Il-Kunsill ġie infurmat li Profs C. Vassallo se tkun qed iservi bħala membru tal-Bord ta' Ġieħ is-Swieqi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

42.4.9 Il-Kunsillier staqsiet jekk hux possibli li tiġi organizzata laqgħa fejn l-anzjani jiġu nfurmati bis-servizzi b'xejn li qed jiġu offruti lilhom minn naħa tad-Dipartiment ikkonċernat. Id- Deputat Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tagħmel kuntatt ma' l-Active Ageing Department.

42.4.10 Hija staqsiet sabiex issir kuntatt ma' Ambjent Malta dwar il-qagħda ta' l-Afforestation tal-Madliena sabiex niżguraw li dan qed ikun ta' suċċess.

**41.5 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor**

L-iskeda tal-pagamenti nru.34 ġiet approvata minn dawk preżenti. Kien hemu.m qbil unanim

**41.6 Kommunikazzjoni mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv**

42.6.1 Hija infurmat li minkejja l-Kunsill kellu żewġ sejħiet għall-impjieg ta' skrivani sfortunatament ħadd ma applika. Il-Kunsill ġie mfakkar li bħala staff suppost għandu 4 impjegati full time u oħra part-tim aparti s-Segretarju Eżekuttiv. Minħabba li issa s-Segreterju Eżekuttiv se jkun qed jirtira, il-bżonn li tiġi mpejgata persuna oħra se jkun qed jinħass sew peress li issa l-Kunsill għandu biss 2 ħaddiema klerikali full time u Deputat Segretarju Eżekuttiv. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li terġa' tinħareġ sejħa oħra għal skala 16 bħala office assistant. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**42.6 Kommunikazzjoni mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv**

42.6.2 Il-Kunsill ġie nfurmat wkoll li s-sejħa għal-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid għad trid tiġi approvata minn naħa ta' l-OPM u sadanittant jeħtieġ li jinħatar il-Bord li se jkun qed jirċievi l-applikazzjoni għal din il-vakanza u li se jkun responsabli mill-intervisti attwalment. Hija nfurmat li dwar din il-materja, jista' jiġi avviċinat biss is-Sindku. Hekk kif dan il-Bord jiġi maħtur, is-Sindku jrid jinforma lil DLG u l-AKL min huma l-membri.

42.6.3 Il-Kunsill ġie nfurmat bi skema li ġiet mnedija minn naħa ta' DLG ( SPI/SCI/1/2022) li tagħlaq nhar is-27 ta'Mejju 2022 rigward il-finanzjament għal- żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet ta' playing fields.  Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li napplikaw sabiex intejbu l-qagħda ta' Ġnien M. Caruana Curran billi jiġu nstallati aktar playing equipment. Jekk dejjem din l-applikazzjoni tagħna tiġi approvata, il-Kunsill se jkun qed iħallas biss 15% ta' l-ispejjez involuti.  Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din is-seduta spiċċat fit-19.45 u s-seduta li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju  2022 fl-16.00.

Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Dep. Segretarju Eżekuttiv